Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-13 ta' Ottubru 2011 — Il-Kummissjoni vs L-Italja

(Kawża C-454/09)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Għajnuna mill-Istat — Għajnuna favur New Interline SpA — Irkupru"

1. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Nuqqas ta' osservanza ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar għajnuna mill-Istat — Obbligu ta' rkupru ta' għajnuna mogħtija — Terminu ta' rkupru (Artikoli 88(2) KE, 226 KE u 249 KE) (ara l-punti 34, 37)*

2. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Irkupru ta' għajnuna illegali — Impriżi benefiċjarji ta' għajnuna li fallew — Iskrizzjoni tal-għajnuna fl-iskeda tal-passiv sabiex is-sitwazzjoni preċedenti tiġi stabbilita mill-ġdid (Artikolu 88(2) KE) (ara l-punti 35, 36)*

3. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Nuqqas ta' osservanza ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar għajnuna mill-Istat — Eċċezzjonijiet — Kontestazzjoni tal-legalità tad-deċiżjoni — Inammissibbiltà — Limiti — Att ineżistenti (it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 88(2) KE, Artikoli 226 KE, 227 KE, 230 KE u 232 KE) (ara l-punt 41)*

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċessarji kollha sabiex jikkonforma ruħu mal-Artikoli 2, 3 u 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/697/KE, tas-16 ta' April 2008, dwar l-Għajnuna mill-Istat C 13/07 (ex NN 15/06 u N 734/06) mogħtija mill-Italja lil New Interline (notifikata taħt id-dokument numru C (2008) 1321).

Dispożittiv

1) Billi ma adottatx, fit-terminu previst, il-miżuri neċessarji kollha sabiex tiżgura l-implementazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/697/KE,

tas-16 ta' April 2008, dwar l-Għajnuna mill-Istat C 13/07 (ex NN 15/06 u N 734/06) mogħtija mill-Italja lil New Interline, ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 249 KE kif ukoll taħt l-Artikoli 2 u 3 ta' din id-deċiżjoni.

2) Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata għall-ispejjeż.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-13 ta' Ottubru 2011 — Evropaïki Dynamiki vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-560/10 P)

"Appell — Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Ġestjoni u manutenzjoni tal-portal 'L-Ewropa tiegħek' — Ċaħda tal-offerta — Regolamenti (KE, Euratom) Nri 1605/2002 u 2342/2002 — Kopja sħiħa tar-rapport ta' evalwazzjoni — Prinċipji ta' trasparenza u ta' ugwaljanza fit-trattament — Drittijiet għal amministrazzjoni tajba u għal smigħ xieraq — Żbalji ta' liġi — Żnaturament tal-provi — Inammissibbiltà manifesta — Aggravju manifestament infondat"

Appell — Aggravji — Sempliċi repetizzjoni tal-motivi u l-argumenti mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali — Assenza ta' identifikazzjoni tal-iżball ta' liġi invokat — Inammissibbiltà (Artikolu 256 TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 112(1)(c)) (ara l-punti 26, 33, 34)

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) tad-9 ta' Settembru 2010 — Evropaïki Dynamiki vs Il-Kummissjoni (T-300/07) li tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tat-13 ta' Lulju 2007, li tiċħad l-offerta magħmula minn Evropaïki Dynamiki — Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE fil-kuntest tas-sejħa għal offerti ENTR/05/78, għal-lott Nru 2 (ġestjoni tal-infrastrutturi),